# It-teknika mużikali li tagħmel il-qniepen strumenti tal-mużika



kitba ta' **Kenneth Cauchi**

Kienu l-bosta bliet Ewropej li kellhom il-qniepen marbuta ma' qalbhom u li daħħlu tradizzjonijiet diversi fil-mod tad-daqq ta' dawn il-qniepen. B'mod sempliċi nistgħu ngħidu li kienet l-Olanda li sfruttat dan il-mod ta' komunikazzjoni u żviluppatu għal l-istrumenti mużikali li għandna llum.

Għall-bidu, il-qniepen kienu magħmula biss biex jiġbdu l-attenzjoni ta' min qiegħed jisma' il-ħoss tagħhom. Maż-żmien il-bniedem fehem aktar il-kapaċità xjentifika tat-tiswir tal-qniepen u beda jesperimenta kif jagħmel qniepen b'tonalità pperfezzjonata. Kif għidt qabel, kien fl-Olanda fejn saru l-ewwel esperimenti fil-qniepen minnħabba l-fatt li dawn kellhom it-tradizzjoni li jdoqqu innu kull siegħa biex jiġbdu l-attenzjoni ta' min qiegħed jismà, li għaddiet siegħa. Wieħed hawn irid jifhem li dak iż-żmien ma kenux jeżistu arloġġi tal-idejn. Minħabba id-daqq ta' dawn l-innijiet kien hemm pressjoni kbira fuq il-fondituri ta' dak iż-żmien biex il-qniepen li jfondu jkunu intunati kemm jista' jkun bi preċiżjoni kbira. L-aħwa Francois u Pieter Hemony kienu dawk li speċjalizżaw f'dan il-mestier u li proprju għamlu rivoluzzjoni f'dan il-qasam. L-aħwa Hemony kienu jqaxxru l-qniepen tagħhom minn ġewwa biex jiksbu noti puri. Ħasra li Hemony qatt ma għaddew it-teknika preċiża li kienu skoprew!



Kien proprju f'nofs is-seklu XIX li d-dinja internazzjonali kampanoloġika għaddiet minn rivoluzzjoni meta l-produzzjoni tal-qniepen laħqet l-aktar livell baxx possibli b'mod partikulari fl-Ingilterra. Qassis protestant taħt l-isem ta' Canon Arthur Simpson ilmenta ma' diversi fondituri tal-qniepen li l-livell mużikali milħuq hu ta' livell baxx u inaċċettabbli. Simpson ilmenta wkoll li ħadd ma kien qiegħed jisimgħu jew jagħti kasu. Kien biss il-fonditur John William Taylor I li għamel kuntatt dirett miegħu u wrieh li mhux talli kien qed jagħti kasu imma kien jaqbel miegħu perfettament u kien ilu jħoss dan in-nuqqas. Minn dakinhar bdiet ir-rivoluzzjoni u l-funderija ta' John William Taylor bdiet tipproduċi qniepen intunati wisq aktar minn dawk tal-aħwa Hemony.

Fi kliem sempliċi l-qniepen bdew jiġu intunati biex issemmgħu l-istess nota fuq tliet ottavi differenti, kif ukoll dawk li nsejħulhom *upper partials* li f'kull qanpiena jridu jirrappreżentaw *minor third* u *perfect fifth*. Huma proprju dawn il-kwalitajiet mużikali li surmast tal-mużika serju għandu jfittex meta jkun ikkummissjonat jieħu ħsieb l-għażla u t-tfondija ta' sett qniepen ġodda.

Maż-żmien diversi funderiji kompetituri ta' Taylor bdew jippruvaw jikkupjawhom imma ftit huma dawk li irnexxilhom jagħmlu dan. Ir-raġuni kienet waħda: dik li tikkopja huwa tajjeb – li tikkopja ħażin huwa ħażin. Diversi fondituri għamlu dan a skapitu tagħhom billi bdew jintunaw il-qniepen tagħhom filwaqt li jibqgħu jagħmlu disinji u ornamenti oħra fuq il-parti ta' barra tal-qniepen tagħhom.



Ikollna nammettu li d-dekorazzjoni fuq qanpiena hija dik li tagħti identità partikolari però huwa fatt xjentifikament ippruvat li d-dekorazzjoni hija ukoll *counter-productive* u ttellef l-intonazzjoni ta' qanpiena b'mod allarmanti. Fondituri serji jippromovu l-qniepen tagħhom fuq perfezzjoni akustika – dik artistika hija ħaġa sekondarja biex ma ngħidx ta' interess negliġibbli għax malajr tintesa meta l-qniepen jittellgħu f'posthom fil-kampnar. Huwa fatt li d-dekorazzjoni fuq qanpiena hija arti li titgawda biss mill-għasafar u l-ħamiem.

X'jiddetermina qanpiena tajba? Ir-risposta hija sempliċi: profil li huwa determinat matematikament u xjentifikament ippruvat u piż ta' bronż xieraq. Qanpiena ħoxna ħafna tkun fgata u t-tokk tagħha jkun fgat u inkoerenti. Qanpiena rqiqa min-naħa l-oħra ma tkunx b'saħħitha biżżejjed biex mill-bogħod jinstemgħu wkoll il-*partial harmonics* li huma tant neċessarji biex jagħtu palat mużikali lit-tokk tal-qanpiena.

Ippermettuli niċċara ftit dan li qiegħed nipprova nfiehem. Huma bosta l-fondituri Ewropej li speċjalizzaw f'dan il-qasam tant li llum huwa possibli tfondi qniepen li jsemmgħu nota ta' qniepen ferm ikbar u itqal minnhom. Dan qed isir billi l-qanpiena tkun kif insejjħulha *light profile* jiġifieri l-qanpiena tkun ta' sagoma irqiqa biex tipproduċi it-tonalità profonda. Per eżempju nota ta' qanpiena ta' 10 tunellati llum possibli tagħmilha b'waħda ta' 7 tunellati.

Profil ta' qanpiena rqiqa ġeneralment jitlob ukoll ilsien irqiq u ħafif minnħabba l-biża li jaqsamha. Qniepen irqaq u ilsna ħfief ma jistgħu qatt isemmgħu leħen ta' qanpiena profonda b'tokk mogħni b' *harmonics* ikkontrollati. Huma biss dawn ir-riċetti li jassiguraw li sett qniepen ikun *state of the art*.

Bosta nies jistaqsuni – imma qanpiena xi kemm isservi? It-tweġiba tiegħi hija li ma tantx wieħed jista jagħti età ta' durabiltà lill-qanpiena minnħabba diversi fatturi li jiddeterminaw kemm ħajjitha għandha tkun twila. It-tweġiba tiddependi minn dawn il-fatturi: a) kinitx qanpiena tajba b) kemm intużat, c) intużatx ħażin, d) kelliex manteniment tajjeb.

Hu x'inhu l-każ, li huwa żgur hu li qanpiena għandha isservi għal diversi sekli, sew jekk tajba jew daqxejn inqas tajba: proprju għalhekk wieħed jista jiġġudika l-kwalità tal-qniepen (b'emfasi fuq dik mużikali) ftit aħjar.

